*20 ta' April, 1995*

Imhallfin:-

S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President
Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.
Onor. Noel V. Arrigo LL.D.

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Ali Mohammed Ali Knajber

## Ġurisdizzjoni Penali - Assoċjazzjoni għal-Iskop ta' Traffikar ta' Droga

*L-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali jikkostitwixxi l-miżura ta' ġurisdizzjoni li l-liġi ġenerali tikkonferixxi fuq il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali minghajr pero' ma b'xi mod jipprekludi lill-poter leġislattiv ta' l-Istat li b'liġi/liġijiet speċjali jikkonferixxi fuq il-Qrati Maltin ġurisdizzjoni penali f'każijiet jew f'ċirkostanzi oħra li mhumiex koperti mill-artikolu 5, bħal ma hu l-każ ta' l-artikolu 21(1)(f) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza preliminari ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali ta' l-4 ta' Novembru, 1994 li taqra hekk:

"Il-Qorti:-

Rat in-nota ta' l-akkużat li permezz tagħha preliminarjament eċċepixxa n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti b'referenza għall-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża in kwantu ir-reat dedott kontra tiegħu f'dan il-kap jirreferixxi għaċ-ċirkostanza li dan ir-reat sar barra minn dawn il-Gżejjer u dan peress illi dan ir-reat mhux wieħed li dwaru tista' titmexxa l-azzjoni kriminali a tenur ta' l-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattata l-eċċezzjoni msemmija tikkunsidra

illi:

Ir-reat dedott kontra l-akkużat fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża huwa illi "assoċja ruħu ma' persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina (eroina) f'dawn il-Gżejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101)". Għall-fini ta' l-eċċezzjoni in eżami ċ-ċirkostanza rilevanti f'din l-akkuża hija li l-akkużat "assoċja ruħu ma' persuna jew persuni oħra .... barra minn dawn il-Gżejjer", dik li l-Qorti ssottolineat;

L-artikolu 5 msemmi, tal-Kodiċi Kriminali, jiddisponi li l-azzjoni kriminali tista' titmexxa f'Malta kontra kull min jagħmel reat f'Malta jew fuq l-ibħra territorjali ta' Malta, kif ukoll kontra min jagħmel reat barra minn Malta purche` jokkorru ċerti ċirkostanzi. Jiġifieri skond dan l-artikolu l-Qrati Maltin għandhom dejjem ġurisdizzjoni fil-każ ta' reati kommessi f'Malta u fil-każ ta' reati kommessi fl-esteru għandhom ġurisdizzjoni biss meta jokkorru dawk iċ-ċirkostanzi;

Issa l-artikolu 5 msemmi, imkien ma jgħid li l-azzjoni kriminali tista' titmexxa f'Malta kontra min jassoċja ruħu ma' persuni oħra barra minn Malta bl-iskop li jittraffika d-droga. Għalhekk l-akkużat jissottometti, kif qiegħed jeċċepixxi li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni fl-azzjoni preżenti in kwantu r-reat fuq imsemmi jirreferixxi għaċ-ċirkostanza li l-istess reat ġie kommess barra minn dawn il-Gżejjer;

Huwa veru li in virtu` ta' l-imsemmi artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni relattivament għar-reat in kwistjoni talvolta kommess fl-esteru. Jiġi rrilevat pero` li

dan l-artikolu mhux tassattiv b'mod li jeskludi xi disposizzjoni oħra fil-liġi Maltija li tinvesti lil din il-Qorti bil-ġurisdizzjoni f'każi li mhumiex elenkati fl-istess artikolu 5, jew li jipprekludi xi disposizzjoni oħra milli tinvesti lill-Qorti b'tali ġurisdizzjoni. Effettivament l-artikolu 21 (1)(f) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101) jiddisponi: "Kull min jassoċja ruħu ma' xi persuna .... barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'dan il-Gżejjer .... ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza". Imbagħad l-artikolu 22(2) ta' l-istess Ordinanza jgħid li kull persuna "akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati skond kif jordna l-Avukat Ġenerali ...." Fil-każ odjern l-Avukat Ġenerali ordna li l-akkużat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali. Ekku l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti;

Għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni fuq imsemmija";

L-akkużat appella minn dik is-sentenza permezz ta' rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru, 1994 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u tilqa' l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali dwar iċ-ċirkostanza fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża in kwantu r-reat addebitat lilu jirreferixxi għal li assoċja ruħu ma' persuna oħra barra minn dawn il-Gżejjer;

Is-sottomissjonijiet ta' l-appellant in sostenn ta' l-aggravju ta' l-appell tiegħu huma s-segwenti;

Il-Qrati Maltin ta' kriminali ġudikatura għandhom ġurisdizzjoni biex jiġġudikaw reati bis-saħħa ta' l-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali. Fil-fatt, l-ewwel sub-inċiż ta' dan l-artikolu jgħid

f'liema każi l-azzjoni kriminali tista' titmexxa f'Malta;

Illi preċiżament l-ewwel ċirkostanza li tissemma, allavolja ssemmi l-ovvju, hu kontra kull min jagħmel reat f'Malta, jew fuq il-baħar f'kull lok sa fejn tasal il-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta. Din iċ-ċirkostanza hija bbażata fuq il-prinċipju tat-territorjalita`;

Illi pero` l-liġi tagħna, fil-materja ta' ġurisdizzjoni, għalkemm b'mod eċċezzjonali, ma tillimitax ruħha għall-prinċipju ta' territorjalita` biss. Fil-fatt l-istess artikolu 5 jestendi l-ġurisdizzjoni *tal-Qrati Maltin ta' kriminali ġudikatura għal ċerti ċirkostanzi oħra* preċiżi, meta reat jiġi kommess barra minn dawn il-Gżejjer. Fil-fatt dan billi f'ċirkostanzi minnhom permezz ta' l-estenzjoni tat-territorju bħal fil-każ ta' reat kommess fuq vapur jew ajruplan Malti, f'każi minnhom fejn l-akkużat hu ċittadin Malti jew hu resident permanenti f'Malta u f'każ minnhom meta wieħed fiż-żmien li jkun f'Malta jkun sar awtur jew kompliċi għad li d-delitt ikun sar barra minn Malta;

Dan ifisser illi l-ewwel nett l-estensjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ta' kriminali ġudikatura fil-każ ta' reati skond il-liġi tagħna li jitwettqu barra minn dawn il-Gżejjer mhix xi ħaġa ġdida u fit-tieni lok fejn il-leġislatur ried li l-Qrati Maltin ta' ġudikatura kriminali jkollhom ġurisdizzjoni dwar reati li jsiru barra minn dawn il-Gżejjer dan qalu b'mod ċar fl-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali;

Illi jekk dan ir-raġonament hu korrett, allura jfisser illi fil-każ ta' ksur tal-liġi kriminali Maltija li jsir barra minn dawn il-Gżejjer, mhux biżżejjed illi jiġi maħluq ir-reat iżda hu meħtieġ ukoll illi tali reat jiġi inkluż fl-artikolu 5 biex il-Qrati tagħna jkollhom id-dritt li jiġġudikaw dwaru;

Ikkunsidrat:

Illi li kieku l-artikolu 5 tal-Kap. 9, ċjoe` tal-Kodiċi Kriminali, kien esklussiv fl-applikazzjoni tiegħu, fis-sens illi, li kieku kien jeskludi l-possibilita` li b'liġijiet speċjali tiġi kkonferita ġurisdizzjoni lill-Qrati Maltin ta' ġurisdizzjoni kriminali f'każijiet fejn din mhix ikkontemplata jew fejn hi eskluża mill-istess artikolu 5 tal-Kap. 9, allura s-sottomissjoni ta' l-appellant kien ikollha valur billi huwa ovvju li almenu parti mill-artikolu msemmi tal-Kap. 101 kien ċertament jikkozza ma' l-artikolu 5 tal-Kap. 9. Pero`, kif sewwa iddelineat l-ewwel Onorabbli Qorti, l-artikolu 5 tal-Kap. 9 jikkostitwixxi l-miżura ta' ġurisdizzjoni li l-liġi ġenerali tikkonferixxi fuq il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali mingħajr pero` ma b'xi mod jippreklUdi lill-poter leġislattiv ta' l-Istat li b'liġi/liġijiet speċjali jikkonferixxi fuq il-Qrati Maltin ġurisdizzjoni penali f'każijiet jew f'ċirkostanzi oħra li mhumiex koperti mill-artikolu 5;

Fil-każ in diżamina, kieku kien hemm biss l-artikolu 5 tal-Kap. 9, in kwantu l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża in parti jirreferixxi għall-assoċjazzjoni ma' persuna/i barra minn dawn il-Gżejjer, ma kienx ikun hemm ġurisdizzjoni limitatament għal dik il-parti mill-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża. Pero` il-ġurisdizzjoni f'dan il-każ toħroġ mill-artikolu 21(1)(f) tal-Kap. 101 u mid-deċiżjoni ta' l-Avukat Ġenerali li fit-termini ta' l-istess artikolu għażel li jipproċedi kontra l-akkużat f'Qorti li hija waħda minn dawk li l-imsemmi artikolu jipprevedi;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiċħad l-appell u tikkonferma

s-sentenza appellata. L-atti jiġu rrinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni.